MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-5 ta' Settembru, 2005

Numru 785/2005

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR PAUL VASSALLO**

**VS**

**FRANCIS MARIA AZZOPARDI**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Francis Maria Azzopardi ta’ 51 sena, imwieled Hal-Luqa nhar it-13 ta’ Lulju, 1954, bin Joseph Maria u Rose nee’ Sammut, residenti fil-fond Salina Park, Apartment 5, Triq Andrew Cunningham, Qawra, detentur tal-karta tal-identita’ numru 533054 (M) ;

Akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer, f’Novembru, 2003 u fix-xhur ta’ qabel, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi, u li gew

maghmula b'risoluzzjoni wahda, bhala persuna indikata *ai termini* tar-Regolamenti kontro *Money Laundering* (AL 199/2003 u LS 373.01), kiser il-provvedimenti tal-Artikolu 3 billi naqas li jaddotta proceduri t'identifikazzjoni stabbiliti *ai termini* tal-istess Regolamenti.

Rat il-fedina penali netta tal-imputat;

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur jispjega lill-Qorti c-cirksostanzi tal-kaz u l-kooperazzjoni shiha tal-imputat fl-istadju tal-investigazzjoni.

Wara li rat l-Artikolu 18 tal-Kodici Kriminali u fl-Artikolu 3 tal-Avviz Legali 199/2003 u LS 373.01.

Ikkunsidrat:

Illi din il-Qorti wara li semghet l-ammissjoni tal-imputat u wara li l-istess ammissjoni giet ikkonferamata wara li l-Qorti tat iz-zmien lill-imputat skond il-Ligi, qiegheda ssib lill-imsemmi Francis Maria Azzopardi hati ta' kif akkuzat, u qiegheda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor fi zmien sena mil-lum, *ai termini* tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------